# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2024**

**Numru : 4**

**Rikors numru 503/2011/2 FDP**

**Boris Arcidiacono Limited (C 16463)**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc u b'digriet tal-20 ta' Ġunju 2012 ġie kjamat in kawża Dr Adrian Delia**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-28 ta' Settembru, 2023 fejn ċaħdet it-talbiet attriċi sabiex il-bank konvenut jikkanċella mill-kont tagħha debitu ta' €86,210.00 li l-bank ħallas lill-imsejjaħ fil-kawża wara li kkunsidrat illi dak il-pagament kien awtorizzat mis-soċjetà attriċi.

**Daħla**

1. B'rikors maħluf fit-23 ta' Mejju 2011 is-soċjetà attriċi Boris Arcidiacono Limited (is-soċjetà attriċi) fissret illi fl-1 ta' Ġunju, 2009 ġie ppublikat kuntratt fl-Legal Office Contract Centre tal-bank konvenut HSBC Bank Malta plc (il-bank konvenut) li permezz tiegħu l-bank konvenut ta' faċilità ta' self lis-soċjetà attriċi sabiex jitħallsu diversi kredituri tas-soċjetà attriċi; illi wara ċertu żmien id-direttur tas-soċjetà attriċi Boris Arcidiacono nduna illi l-bank kien iddebitalu l-kont bis-somma ta' sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) rappreżentanti ħlas li l-bank għamel lil Dr Adrian Delia; illi Dr Delia kellu *retainer agreement* mas-soċjetà attriċi; illi l-ebda rappreżentant tas-soċjetà attriċi ma awtorizza lill-bank konvenut iħallas lil Dr Delia s-somma msemmija u għalhekk dak il-pagament huwa *res inter alios acta* għas-soċjetà attriċi; illi l-ammont imsemmi qatt ma kien dovut lil Dr Delia; illi Boris Arcidiacono għan-nom tas-soċjetà attrici talab kemm-il darba lill-bank konvenut sabiex jikkanċella dan id-debitu u l-imgħax relattiv mill-kont tiegħu, talba magħmula anke permezz ta' ittra uffiċjali; illi mhux talli ma kkanċellax dan id-debitu talli l-bank konvenut għadda sabiex iwaqqaf il-faċilitajiet bankarji mogħtija lis-soċjetà attriċi; illi ġialadarba s-soċjetà attriċi ma awtorizzatx lill-bank konvenut iħallas dak l-ammont, li lanqas kien kopert b'xi taxxa jew qbil dwaru, il-bank għandu jħassar dak id-debitu nkluż l-imgħaxijiet;

illi l-bank huwa wkoll responsabbli għad-danni li s-soċjetà attriċi qed tirriżerva l-azzjoni dwarhom.

2. Magħmula dawn il-premessi s-soċjetà attriċi talbet lill-Qorti Ċivili Prim'Awla (l-Ewwel Qorti) sabiex:

> "1. Tordna lill-istess bank illi jikkanċella għar-raġunijiet premessi id-debitu ta' sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) addebitat lill-kont tal-kumpanija attriċi fl-1 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll jiġu kkanċellati l-imgħaxijiet kollha illi l-bank konvenut jippretendi li mmaturaw mill-1 ta' Ġunju 2009 sad-data effettiva tat-tħassir tal-istess ammont.
>
> 2. Tiddikjara lill-bank konvenut responsabbli għad-danni sofferti u li qed issofri l-kumpanija attriċi."

3. B'risposta maħlufa tal-25 ta' Lulju, 2011 il-bank konvenut laqa' għall-azzjoni attriċi bl-eċċezzjonijiet segwenti:

> 1. "Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-pagament in kwistjoni ta' € 86,210 magħmul favur Dottor Adrian Delia sar konformament mal-ftehim milħuq bejn is-soċjetà attriċi u l-Bank konvenut sabiex jingħata self adegwat sabiex ikopri inter alia l-ħlas ta' drittijiet legali u professjonali tas-soċjetà attriċi u li fuq kollox jirriżulta illi l-pagament sar fil-presenza ta' Boris Arcidiacono dakinhar stess li sar il-kuntratt tas-self. Għalhekk mhuwiex minnu illi tali pagament sar mingħajr ebda awtorizzazzjoni tas-soċjeta attriċi.
>
> 2. Illi in kwantu illis-soċjetà attriċi tilmenta illi dan il-pagament li tħallas lill-Avukat Delia ma kienx dovut jew li seta' kien eċċessiv billi kien hemm bejn il-partijiet retainer agreement u li fi kwalunkwe każ kien in eċċess tat-tariffa applikabbli, dan il-kawżali mhuwiex opponibbli filkonfront tal-Bank konvenut billi ma kienx il-kompitu jew l-obbligu talBank li jivverifika l-bażi tad-drittijiet professjonali dovuti aktar u aktar f'ċirkostanzi fejn kien evidenti illi s-soċjetà attriċi kienet taf bit-talba li saret minn Dottor Adrian Delia kif ukoll bil-pagament li kien qed issir lil Dottor Delia fil-presenza ta' Boris Arcidiacono.
>
> 3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatt illi listess soċjetà attriċi talbet li tinħareġ irċevuta fiskali waħda minn Aequitas Legal għall-ammont in kwistjoni hija prova tal-aċċettazzjoni u/jew tar-ratifika dwar l-istess pagament bil-konsegwenza li s-soċjetà

attriċi ma għandha l-ebda bażi legali li titlob rifużjoni tal-ammont indikat fil-konfront tal-Bank kif mitlub.

4. Illi fi kwalunkwe każ għandu jissejjaħ fil-kawża Dottor Adrian Delia.

5. Illi jsegwi illi t-talba sabiex jiġi dikjarat illi l-Bank konvenut huwa responsabbli għad-danni mhijiex legalment u fattwalment fondata.

6. Illi f'kull każ it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."

4. *In vista* tar-raba' eċċezzjoni tal-bank konvenut, l-Ewwel Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Dr Adrian Delia li b'risposta maħlufa tas-7 ta' Mejju, 2013 laqa' għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjonijiet li jsegwu:

1. "Illi preliminarjament huwa jwieġeb illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbet attriċi u dan, fost l-oħrajn, kif dettaljatament spjegat firrisposta ippreżentata nhar il-11 ta' Ġunju, 2012 mis-soċjetà attriċi innifisha għar-rikors ippreżentat nhar is-6 ta' Ġunju, 2012 mis-soċjetà bankarja konvenuta permezz ta' liema talbet illi l-esponenti jissejjaħ filkawża. Għaldaqstant, il-kjamata in kawża ta' l-esponenti saret inutilment;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu sostnuti kontra l-esponenti peress illi l-esponenti ma jistax jagħmel dak mitlub fit-talbiet attriċi, lanqas jekk jintlaqgħu, ossija la jista' jikkanċella l-ammont addebitat lill-kont bankarju tas-soċjetà attriċi, la jista' jikkanċella limgħaxijiet u lanqas jista' jiġi dikjarat responsabbli għal danni meta lkundanna qiegħda tintalab kontra s-soċjetà bankarja konvenuta kaġun tal-allegat aġir tagħha;

3. Illi fil-mertu wkoll, l-esponenti jwieġeb illi in vista ta' dak kollu hawn fuq espost hija s-soċjetà bankarja konvenuta li għandha twieġeb għall-aġir tagħha, mhux l-esponenti, u dana peress ukoll illi r-relazzjoni bankarja bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta hija res inter alios acta; 4. Illi fil-mertu wkoll, iżda sussidjarjament u jekk dina l-Onorabbli Qorti b' xi mod tiddeċiedi li t-talbiet attriċi huma opponibbli kontra tiegħu, huwa jopponi tali talbiet bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;"

5. Fl-24 ta' Jannar, 2020 is-soċjetà attriċi ppreżentat rikors[1] li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm imniżżla, talbet is-sejħa fil-kawża ta'

[1] Fol. 850

Aequitas Legal u ta' AE Management Limited, talba miċħuda mill-Ewwel Qorti b'digriet tas-26 ta' Frar, 2020.[2]

6. B'rikors tad-29 ta' Settembru, 2022[3] is-soċjetà attriċi wara li ppremettiet illi fil-mori tal-kawża kienet, mingħajr preġudizzju għall-mertu ta' din il-kawża, ħallset lill-bank konvenut is-somma mislufa fl-intier tagħha nklużi l-imgħax relattiv u konsegwentement il-bank għalaq il-kont tagħha, talbet lill-Ewwel Qorti tawtorizza emenda tal-ewwel talba attriċi fis-sens illi jiżdiedu l-kliem: "u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta jew lill-kjamat in kawża iħallsuha s-somma ta' sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) addebitat lill-kont tal-kumpanija attriċi fl-1 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll l-imgħaxijiet kollha illi l-bank konvenut iddebita lill-kumpanija attriċi mill-1 ta' Ġunju, 2009 sad-data ta' meta ingħalaq il-kont"

7. L-Ewwel Qorti ċaħdet dak ir-rikors wara li kkunsidrat li ġie intavolat fi stadju tardiv ħafna fil-kawża.[4]

8. B'sentenza mogħtija fit-<u>28 ta' Settembru, 2023,</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża kif ġej:

> "Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamat in kawża.
>
> Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata kif ukoll l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-kjamat in kawża, u għalhekk:

---

[2] Fol. 873
[3] Fol. 992
[4] Ara verbal tas-seduta tad-29 ta' Settembru, 2022 (fol. 1021)

Tiċħad it-talba rikorrenti kif dedotta.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti."

9. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti għaliex iddeċidiet b'dan il-mod huma s-segwenti:

"32. Jirriżulta, mill-fatti kif fuq stabbiliti u l-asserzjonijiet tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, ossija Boris Arcidiacono, illi l-kawża odjerna tippernja ruħha prinċipalment fuq dak illi seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009, meta saru varji kuntratti lkoll ippubblikati min-Nutar Rita Sammut u fejn saru varji pagamenti lill-terzi, fosthom lill-kjamat in kawża Dr Adrian Delia.

33. Jirriżulta fatt mhux kontestat illi, dakinhar tal-pubblikazzjoni ta' tali kuntratti, Dr Adrian Delia kien il-konsulent legali tas-soċjeta' rikorrenti, u dana bħala Avukat li kien qed jippresta servizzi kemm bħala Aequitas Legal kif ukoll bħala Aequitas Management Limited.

34. Jirriżulta fatt mhux ikkontestat wkoll illi, sa dakinhar, is-soċjeta' rikorrenti kellha varji pendenzi ġudizzjarji ma' terzi u li għaliha kien qiegħed jipprestalha s-servizzi Dr Adrian Delia, kif fuq aħjar deskritt.

35. Jirriżulta wkoll fatt mhux ikkontestat illi fil-ġurnata tal-1 ta' Ġunju 2009, saru varji kuntratti ġewwa l-uffiċji tal-Bank intimat, lkoll quddiem in-Nutar Rita Sammut, fejn kien preżenti personalment ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, ossija Boris Arcidiacono flimkien ma' varji persuni illi dehru għal varji kuntratti rispettivi illi kien hemm, u ġia indikati fil-para 21 aktar 'il fuq.

36. Jirriżulta illi l-kontestazzjoni prinċipali illi għandha quddiemha dina l-Qorti hija jekk l-pagament ta' €86,210 lil Dr Adrian Delia kienx pagament awtorizzat, kemm mill-faċilita' bankarja mogħtija mill-Bank intimat, kif ukoll mis-soċjeta' rikorrenti illi kienet qiegħda tittransiġi varji kwistjonijiet u pendenzi legali illi hija kellha u li għaliha kien qiegħed jassistiha Dr Adrian Delia.

37. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-Qorti trid tqis u teżamina x-xhieda tal-persuni illi attwalment kienu preżenti dakinhar – ossija Boris Arcidiacono, Dr Adrian Delia, Dr Ethelbert Fenech Adami u n-Nutar Rita Sammut. Ix-xhieda l-oħra kollha imressqa mis-soċjeta' rikorrenti tul l-għaxar snin illi ħadet tressaq il-provi, ma jitfgħu ebda dawl dwar il-laqgħa u l-kuntratti li saru fl-1 ta' Ġunju 2009, stante illi jirrigwardaw diskussjonijiet illi l-istess soċjeta' rikorrenti kellha mal-Bank kemm qabel kif ukoll wara l-iffirmar tal-kuntratti u bl-ebda mod ma jagħtu informazzjoni siewja u meħtieġa dwar dak illi attwalment seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009 – li huwa l-qofol kollu tal-każ odjern!

1 ta’ Ġunju 2009

38. Il-Qorti tqis illi jkun opportun illi l-ewwel tibda billi tagħmel referenza għal dak illi ddikjara Boris Arcidiacono fl-affidavit tiegħu dwar is-servizzi lilu reżi mill-kjamat in kawża Dr Adrian Delia fejn, fl-affidavit ippreżentat fis-6 ta’ Marzu 2012, kellu dan xi jgħid: (fol 68/69)

(...)

39. Jirriżulta illi Dr Adrian Delia, fix-xhieda mogħtija minnu, fil-31 ta’ Mejju 2018, fuq domandi tal-avukat tas-soċjeta' rikorrenti li kien dakinhar jippatroċinaha, kien qal hekk dwar tali ftehim:

(...)

40. Jirriżulta, minn tali xhieda, illi s-soċjeta' legali illi fiha l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia kien jipprattika, ossija Aequitas Legal, kienet talbet illi, sabiex jiġu ffirmati l-kuntratti kollha mal-HSBC u ma’ terzi, illi lkoll kemm huma ġew eventwalment iffirmati fl-1 ta’ Ġunju 2009, kellha titħallas l-ammont ta’ Lm50,000, ossija €116,500.

41. Jirriżulta illi Boris Arcidiacono kien ġie mgħarraf dan minn Dr William Cuschieri, avukat illi issa qiegħed jippatroċina lis-soċjeta' rikorrenti, u li dak iż-żmien kien jaħdem fid-ditta Aequitas Legal flimkien ma’ Dr Adrian Delia.

42. Jirriżulta illi Boris Arcidiacono jidher illi kkontesta tali rikjesta meta huwa kellu laqgħat in konnessjoni ta’ tali kuntratti qabel ma attwalment saru, u dana meta huwa ltaqa’ kemm ma’ Dr Georg Sapiano kif ukoll l-istess Dr Adrian Delia, u f’kull okkazzjoni, l-Avukati kollha fuq indikati lkoll ikkonfermaw illi sabiex jipprestaw is-servizzi tagħhom biex jiġi konkluż il-kuntratt mal-HSBC, huma kellhom jitħallsu Lm50,000 ossia €116,500.

43. Jirriżulta illi, minkejja l-oġġezzjonijiet li jidher li esprima Boris Arcidiacono, huwa pproċeda bil-proċess biex isiru l-kuntratti kollha mal-HSBC u dana bis-servizzi illi kienu qed jiġu lilu pprovduti mid-ditta legali ta’ Dr Adrian Delia, ossija Aequitas Legal.

44. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi Boris Arcidiacono, ghalkemm ben akkorrent ta’ kemm kienet qed titlob id-ditta Aequitas Legal sabiex jiġu konklużi l-kuntratti mal-HSBC, ipproċeda sabiex ikompli bl-inkariku mogħti lil Aequitas Legal u kkonkluda l-arranġamenti illi kienu sarulu mal-HSBC fejn ffirma l-kuntratti kollha li kien hemm, bl-assistenza tad-ditta Aequitas Legal u Dr Adrian Delia, fost avukati oħra, bħala konsulent legali fil-pubblikazzjoni ta’ tali kuntratti.

45. Jirriżulta illi dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratti, kien hemm ukoll preżenti Dr Ethelbert Fenech Adami, illi għalkemm mhux preżenti tul il-qari tal-varji kuntratti li kienu saru, eventwalment kien preżenti meta nħarġu ċ-

ċekkijiet, stante illi kien huwa illi kiteb u ffirma ċ-ċekkijiet wara illi vverifika mal-partijiet preżenti. Dwar il-proċess kollu tal-qari u ffirmar tal-kuntratti kif ukoll il-ħruġ taċ-ċekkijiet, Dr Fenech Adami kellu dan xi jgħid meta xehed fil-5 ta' Mejju 2016 (fol 547):

(...)

46. Jirriżulta ċar, għalhekk, minn tali xhieda, illi Boris Arcidiacono kien ben a korrent ta' kull ma kien qiegħed jiġri u kull ċekk illi attwalment inħareġ u għalhekk kien ukoll ben a korrent taċ-ċekk illi kien inħareġ lil Dr Adrian Delia u li dwaru sussegwentement huwa ilmenta u nieda l-proċeduri odjerni illi ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar tnaxil sena.

47. Il-Qorti tosserva illi xhud ieħor illi setgħet titfa' dawl fuq dak li ġara dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt kienet in-Nutar Rita Sammut Ganado, illi xehdet fl-10 ta' Novembru 2020. Madanakollu, fix-xhieda tagħha, n-Nutar ma setgħet tiftakar xejn ta' rilevanza, tant illi stqarret li lanqas ma tiftakar tara lil Dr Adrian Delia preżenti, għalkemm huwa fatt inkontestat illi dakinhar Dr Adrian Delia kien preżenti.

48. L-aħħar xhud ta' rilevanza għall-proċeduri odjerni kien Robert Delezio, illi kien jokkupa l-kariga ta' Commercial Relationship Manager fi ħdan l-HSBC u li kien jamministra l-ħtiġijiet tas-soċjeta' rikorrenti bħala klijent tagħha. Delezio, illi xehed fit23 ta' Ġunju 2015 u fil-11 ta' Novembru 2015, fejn fl-unika xhieda rilevanti tiegħu mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2015, huwa kellu dan xi jgħid:

(...)

49. Jirriżulta, għalhekk, mix-xhieda ta' Robert Delezio, illi ċ-ċekkijiet kollha illi ffirma Dr Ethelbert Fenech Adami, li kien preżenti dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt, kienu lkoll pagamenti debitament awtorizzati mis-Sanction Letter illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ingħatat u għaldaqstant kienu pagamenti leġittimi illi setgħet tagħmel il-bank abbażi ta' istruzzjonijiet illi kienu qed jiġu lilha mogħtija dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratti, kif ikkonferma wkoll Dr Ethelbert Fenech Adami.

Ikkunsidrat

50. Il-Qorti tosserva illi, wara li l-provi kollha kienu ngħalqu u wara illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ippreżentat is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha tramite konsulent legali li, sa dakinhar li ppreżenta s-sottomissjonijiet, kien għadu ma kienx qiegħed jippatroċinja lis-soċjeta' rikorrenti, hija talbet illi temenda l-ewwel talba tagħha – dina t-talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti.

51. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi kollha miġbura quddiema, illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ben a korrent tal-import illi kien dovut lil Aequitas Legal għas-servizzi minnha reżi, tramite Dr Adrian Delia, għall-iffinalizzar ta'

ħames kuntratti pubbliċi, ossija wieħed (1) ta' self minghand l-HSBC u erbgha (4) ta' transazzjoni ma' terzi.

52. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi l-ammont mħallas lil Dr Adrian Delia ma kienx attwalment dovut, peress illi s-soċjeta' legali ta' Dr Adrian Delia kellha retainer mas-soċjeta' rikorrenti u s-servizzi resi mill-istess soċjeta' legali ta' Dr Adrian Delia kienu koperti minn tali retainer.

53. Jirriżulta, madanakollu, illi dak sottomess mis-soċjeta' rikorrenti dwar retainer ma kienx ikopri s-servizzi reżi lill-istess soċjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-kuntratti kollha fuq imsemmija, u dana kif aħjar spjega Dr Adrian Delia fix-xhieda tiegħu.

54. Jirriżulta, għalhekk illi l-pagament ta' €86,210 illi sar lil Dr Adrian Delia mill-bank intimat għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti kien pagament għal servizzi reżi mid-ditti legali ta' Dr Adrian Delia u li r-rappreżentant tar-rikorrent, Boris Arcidiacono, kien ben a korrent QABEL l-iffirmar tal-kuntratti kollha.

55. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' intimata HSBC kienet korretta meta għamlet il-pagamenti kollha dakinhar li ġew iffirmati l-ħames kuntratti fil-Legal Office tal-HSBC, fosthom il-pagament illi sar lil Dr Adrian Delia bħala "legal fees" relatati ma "out of court settlements", kif indikat fis-Sanction Letter illi kienet ingħatat lis-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-kanċellament tal-addebitament tas-somma ta' €86.210 li sar fuq il-kont tas-self tas-soċjeta' rikorrenti ma hijiex waħda ġustifikata u ma timmeritax illi tiġi akkolta.

56. Jirriżulta wkoll illi, la darba ġie ampjament ippruvat illi s-soċjeta' intimata illi hija mxiet in linja ma' dak miftiehem mas-soċjeta' rikorrenti, kwalsiasi talba għal danni kif pretiżi mill-istess soċjeta' rikorrenti ma huma bl-ebda mod dovuti.

57. Jirriżulta wkoll, mill-banda l-oħra, illi għalkemm l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia jikkontendi illi huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur, huwa fatt inkontestat illi l-bażi tal-azzjoni odjerna hija kwistjoni illi seta' kien hemm bejn is-soċjeta' rikorrenti u Dr Adrian Delia flimkien mad-ditta tiegħu Aequitas Legal, għas-servizzi reżi minnu, liema kwistjoni, għalkemm prettament mhux direttament konnessa mat-talba kif redatta, setgħet b'xi mod ikollha effetti fuq il-kjamat il-kawża kieku d-decizjoni tal-Qorti kienet differenti minn dik illi ser tippronunzja. Għalhekk, l-eċċezzjoni li ma huwiex il-leġittimu kontradittur ma' tirriżultax.

58. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-kjamat in kawża jimmeritaw illi jintlaqgħu peress illi rriżulta ċar, mill-provi kollha prodotti, illi l-aġir tal-bank intimat kien wieħed korrett, filwaqt illi l-allegazzjonijiet magħmula mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tar-rikorrenti (recte: kjamat in kawża) ma ġewx ippruvati kif trid il-Liġi, u għalhekk l-eċċezzjonijiet fil-meritu mqajjma mill-kjamat in kawża jimmeritaw illi jintlaqgħu."

**L-Appell**

10. Is-soċjetà attriċi (minn issa wkoll is-soċjetà appellanti jew l-appellanti) appellat minn din is-sentenza kif ukoll mid-digriet fuq imsemmi tad-29 ta' Settembru, 2022 b'rikors tas-26 ta' Ottubru, 2023 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet lil din il-Qorti sabiex dwar id-digriet tad-29 ta' Settembru, 2022 "tħassar, tirrevoka u tannulla d-digriet appellat mogħti mill-ewwel Qorti fid-29 ta' Settembru, 2022 u minflok tilqa' t-talba magħmula mis-soċjetà esponenti bir-rikors tagħha tad-29 ta' Settembru, 2022 ..." u dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Settembru, 2023 "tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata" billi "filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu caħdet l-eċċezzjonijiet preliminari ta' Dr Adrian Delia; tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' HSBC u l-bqija tal-eċċezzjonijiet ta' Dr Adrian Delia, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà esponenti (kif mibdula f'każ li jinlaqa' l-appell mid-digriet appella)".

11. Il-bank konvenut wieġeb fl-14 ta' Novembru, 2023 filwaqt li l-kjamat in kawża wieġeb fl-4 ta' Diċembru, 2023, fejn għar-raġunijiet mogħtija fit-tweġiba rispettiva tagħhom, qed jopponu għal dan l-appell.

12. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih

għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet**

13. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanti tgħid illi l-ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet ir-rikors tagħha tad-29 ta' Settembru, 2022 li permezz tiegħu talbet sabiex l-ewwel talba tagħha tiżdied fis-sens li l-Qorti tikkundanna lill-bank konvenut jew lill-imsejjaħ fil-kawża jirrifonduha s-somma ta' €86,210 kif ukoll l-imgħaxijiet li hija, mingħajr preġudizzju, ħallset lill-bank konvenut fil-mori tal-kawża. L-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti kellha tilqalha t-talba għal tali żieda peress li l-ħtieġa tagħha nqalgħet minħabba dak li seħħ fil-mori tal-kawża u li tali żieda kienet permissibbli *ai termini* tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 li jippermetti tibdil fl-atti "f'kull waqt qabel is-sentenza". Tgħid li ma kien hemm xejn tardiv fit-talba peress li kif jirriżulta mill-atti l-kont bankarju ingħalaq fit-22 ta' Ġunju 2021. Iżżid tgħid illi biż-żieda mitluba ma kienet ser isseħħ l-ebda bidla fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet għaliex kulma kienet qed titlob huwa li minflok ma jiġi kanċellat id-debitu fil-kont, ladarba l-kont ingħalaq fil-mori tal-kawża, it-talba tiġi mibdula għal waħda ta' ħlas da parti tal-bank konvenut jew tal-imsejjaħ fil-kawża.

14. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li dan l-aggravju ma hux siewi.

15. L-appellanti tikritika lill-Ewwel Qorti li ċaħditilha r-rikors għaliex ikkonsidrat li kien tardiv. Tgħid li ma kien tardiv xejn u dan mingħajr ma tagħti l-ebda raġuni għal tali asserzjoni. Din il-Qorti tifhem li dan ma kienx *lapsus* imma riżultat tal-fatt li l-atti proprju juru l-kuntrarju ta' dak li qed tallega l-appellanti. Proprju fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2021, meta l-appellanti kienet patroċinata mill-avukat preċedenti għal dak attwali, xehdet Ruth Seychell, impjegata mal-bank konvenut, u esebiet prospett dettaljat dwar il-faċilità bankarja li l-attriċi kellha mal-bank konvenut[5] minn fejn jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li minn kemm kienet ilha intavolata l-kawża odjerna fit-23 ta' Mejju, 2011 sat-28 ta' Settembru 2018, l-attriċi ħallset immankabbilment kull xahar is-somma ta' €9,123.00 bi ħlas lura tal-faċilità bankarja lilha konċessa, ħlief għall-aħħar żewġ pagamenti mensili li kienu addirittura ta' €18,246.00-il wieħed. Ifisser dan li sa mit-28 ta' Settembru 2018 il-bilanċ dovut lill-bank konvenut kien biss ta' ftit aktar minn €2,500 li ġie saldat kważi tliet snin wara b'pagament ta' €2,944.36 fis-16 ta' Ġunju, 2021 u b'hekk il-kont bankarju ngħalaq. Minn dan isegwi illi s-somma ta' €86,210 u l-imgħax relattiv mertu ta' din il-kawża kienu ilhom li tħallsu mis-soċjetà attriċi lill-bank konvenut sa mit-28 ta' Settembru, 2018

[5] Dok. RS1 – fol. 966 sa fol. 970

16. L-appellanti tipprova tagħti l-impressjoni illi l-ħtieġa għar-rikors in dizamina nqalgħet meta ngħalaq il-kont bankarju. Anke hawn ma għandix raġun għaliex bejn id-data li ngħalqet il-faċilità bankarja, u cioè fit-22 ta' Ġunju, 2021 u d-data tar-rikors, id-29 ta' Settembru, 2022, għaddew aktar minn ħmistax-il xahar. Bl-ebda tiġbid ma jista' jitqies ġustifikat in-nuqqas ta' azzjoni da parti tas-soċjetà attriċi tul dawk is-snin kollha li titlob żieda fl-ewwel talba attriċi. Imbagħad li tressaq tali talba kontestwalment mal-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha tkompli tamplifika l-mod ħażin li mxiet l-appellanti f'dan ir-rigward.

17. Din il-Qorti żżid mal-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti, illi anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss ir-rikors in dizamina ma kienx tardiv, iż-żieda rikjesta riedet li l-kundanna għall-ħlas tkun mhux biss diretta lejn il-bank konvenut imma wkoll lejn l-imsejjaħ fil-kawża; talba li bla ebda mod ma kienet sorretta mill-premessi tal-att promotur u fi kwalunkwe każ kienet ser tibdel radikalment is-sustanza tal-azzjoni attriċi.

18. Dan l-aggravju ma hu xejn għajr tentattiv fjakk sabiex jiżvija lil din il-Qorti tħassar digriet tal-Qorti tal-ewwel istanza li kif sewwa osservat altru milli kien rikors tardiv.

19. Tentattiv sabiex tikkonvinċi li l-kulur abjad huwa kulur iswed ma għandux speranza ta' suċċess sakemm ma tkunx qed timraħ fid-dlam.

Din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-avukat li ffirma dan ir-rikors tal-appell li d-dover tal-avukat fi proċess ġudizzjarju huwa l-ewwel u qabel kollox dak ta' uffiċjal tal-qorti u mhux ta' merċenarju fejn kollox jgħaddi biex jirbaħ il-klijent akkost ta' kollox.

**20. Tiċħad għalhekk l-ewwel aggravju bħala totalment infondat, fieragħ u vessatorju.**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex titratta t-tieni u t-tielet aggravji flimkien peress li huma intrinsikament konnessi.

22. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tagħha s-soċjetà appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament għal kollox ħażin u żbaljat ta' fatti importanti għad-determinazzjoni tal-kawża u tal-liġi. Tgħid illi l-Ewwel Qorti qalet ħażin meta qieset li l-imsejjaħ fil-kawża kien il-konsulent legali u jippresta s-servizzi kemm bħala Aequitas Legel kif ukoll bħala Aequitas Managment Limited (para 33). Tgħid li ma' Aequitas Management Limited qatt ma kellha x'taqsam. Tikritika dak li jingħad fis-sentenza appellata (para. 46) illi Boris Arcidiacono "kien ben a korrent ta' kull ma kien qiegħed jiġri u kull ċekk illi attwalment inħareġ u għahekk ukoll ben a korrent taċ-ċekk illi inħareġ lil Dr Adrian Delia ....". Tgħid li mhux minnu li Boris Arcidiacono kien konxju li qed jinħareġ ċekk lil Dr Adrian Delia. Tispjega li kien Dr Delia stess li kien qed jagħti l-istruzzjonijiet lill-bank kif

għandhom jinħarġu c-ċekks u mhux ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Tammetti illi r-rappreżentant tagħha kien preżenti waqt li l-bank ħareġ ic-ċekks, però tiġbed l-attenzjoni illi Dr Ethelbert Fenech Adami għan-nom tal-bank u inkarigat għall-ħruġ tac-ċekks xehed li ħareġ ħames ċekks u mhux sitta. Tgħid illi ħames ċekks inħarġu lill-familja Gatt Baldacchino, lil Horace Cachia, lil Dr Richard Galea Debono f'isem is-soċjetà estera Haworth s.p.a., lill-Kummissarju tat-Taxxi u lil Dr Vincent Falzon f'isem Renato u Antoinette konjuġi Arcidiacono. Tgħid li dawk kienu l-ħames ċekks u fosthom ma hemmx ic-ċekk li nħareġ favur Dr Delia. Tgħid li dan juri li c-ċekk li tħallas lil Dr Delia ma kienx wieħed minn dawk li tħallas fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono. Għalhekk tisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li Boris Arcidiacono kien a korrenti tal-ħruġ tac-ċekk lil Dr Delia, billi ssostni li l-provi ma jurux dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti.

23. L-appellanti tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li "s-soċjetà rikorrenti kienet ben a korrent tal-import illi kien dovut lil Aequitas Legal għas-servizzi minnha reżi tramite Dr Adrian Delia, għall-iffinalizzar ta' ħames kuntratti pubbliċi, ossija wieħed (1) ta' self mingħand l-HSBC u erbgħa (4) ta' transazzjoni ma' terzi." (para 51). Tgħid illi mhux minnu li kien hemm dovut is-somma ta' €86,210 lil Dr Adrian Delia jew lid-ditta tiegħu u dan peress li s-servizzi legali kienu koperti b'*retainer agreement* li fl-ebda mument ma ġie terminat jew

sospiż. Tgħid li dak l-ammont qatt ma seta' jkun dovut bħala *fees* jekk ma jkunx hemm ftehim bil-miktub u dan kif jipprovdu d-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12. Targumenta li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fattwalment u legalment meta qalet li l-ammont imsemmi kien dovut lil Dr Delia.

24. Tgħid li l-provi juru li filwaqt li huwa minnu li Dr Delia kien talab lis-soċjetà attriċi l-ħlas ta' ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000) għall-assistenza fuq dawk il-kuntratti, il-provi juru wkoll li ma kienx intlaħaq ftehim. Tgħid li Dr Delia qatt ma ħareġ kont għas-somma msemmija ta' Lm50,000 u mhux magħruf kif Dr Adrian Delia wasal biex talab u ngħata ċekk bankarju fis-somma misterjuża ta' €86,210.00. Tgħid li ma jagħmilx sens li fuq *retainer* ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar sar ftehim bil-miktub bejn is-soċjetà attriċi u Dr Delia u fuq is-somma ta' €86,210 il-ftehim sar verbalment. Tislet għalhekk l-argument illi fl-assenza ta' ftehim bil-miktub u fl-assenza ta' kont, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi li dak l-ammont ta' €86,210.00 kien dovut.

25. Għall-istess raġunijiet tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara illi r-*retainer* ma kienx ikopri s-servizzi reżi lis-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-kuntratti kollha fuq imsemmija (para. 53). Tgħid li hija kellha xi kwistjonijiet pendenti ma' terzi u kienet inkarigat lid-ditta legali Aequitas Legal, li tagħha Dr Delia kien soċju, sabiex tassistiha f'dawk il-

kwistjonijiet. Tissottometti li kien għalhekk li s-soċjetà attriċi u Dr Delia/Aequitas Legali waslu fi ftehim dwar *retainer agreement* fl-ammont ta' Lm400 fix-xahar. Tispjega li dak ir-*retainer agreement* kien jeskludi biss id-drittijiet jew spejjeż pagabbli lir-Reġistru tal-Qorti u d-drittijiet pagabbli lill-prokuratur legali. Tgħid li mill-bqija kien jinkludi s-servizzi legali kollha inkluż "representation on agreements and contracts, vetting and drafting of agreement (...) irrespective of amount." Tikkritika s-sentenza appellata li filwaqt li ddikjarat illi s-servizzi reżi minn Dr Delia marbuta mal-kuntratt ta' self u mal-erba' kuntratti ta' tranżazzjoni ma kienux koperti mir-*retainer agreement*, fl-istess ħin ma tat l-ebda spjegazzjoni kif waslet għal tali konklużjoni.

26. Permezz tat-tielet aggravju tagħha s-soċjetà attriċi tgħid illi apprezzament tajjeb u oġġettiv tal-fatti għandu jwassal għal sejbien li l-pagament mertu tal-kawża ma kienx awtorizzat minnha. Tgħid illi hemm kontradizzjoni bejn it-testimonjanza ta' Dr Ethelbert Fenech Adami li xehed illi l-ammonti taċ-ċekks ingħataw lilu minn Dr Adrian Delia filwaqt li Dr Delia xehed illi ma kienx hu li talab lill-bank iħallsu dak l-ammont imma l-klijent tiegħu li kien qed jassisti dakinhar fuq il-kuntratt u l-bank ħareġ iċ-ċekk. Tgħid illi mill-banda l-oħra Boris Arcidiacono kien dejjem konsistenti fix-xhieda tiegħu illi huwa qatt ma awtorizza lill-bank konvenut joħroġ dak iċ-ċekk lil Dr Delia.

27. Tirreferi għall-fatt illi Boris Arcidiacono ma ġiex kontroeżaminat u li min dan għandu jiġi meqjus li l-kontro partijiet issokkombew għax-xhieda tiegħu.

28. Tgħid illi mhux biżżejjed li jingħad mill-kontro partijiet li Boris Arcidiacono kien preżenti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' self u l-kuntratti l-oħra ta' tranżazzjoni. Ried jiġi ppruvat li Boris Arcidiacono ta l-kunsens tiegħu għall-ħruġ ta' dak ic-*cheque*. Tiċħad is-soċjetà attriċi li Boris Arcidiacono kien preżenti fil-mument li Dr Delia indika l-ammont ta' €86,210 lil Dr Ethelbert Fenech Adami sabiex jinħareġ ċekk *draft* f'ismu għal dak l-ammont. Tgħid li qabel joħroġ tali ċekk lill-imsejjaħ fil-kawża, il-bank konvenut kellu qabel xejn jaċċerta ruħu illi hemm awtorizzazzjoni espressa da parti tas-soċjetà attriċi u mhux jipreżumi li kien hemm tali awtorizzazzjoni. Tirreferi għall-fatt illi kuntrarjament għall-krediti l-oħra, il-pagament magħmul lil Dr Delia ma kien sorrett minn ebda kont jew dokument in sostenn tas-somma msemmija.

29. Tispjega ulterjorment illi mhux minnu li l-kliem "legal fees" indikati fis-*sanction letter* kienu qed jirreferu għad-drittijiet pretiżi minn Aequitas Legal. In sostenn tirreferi għall-applikazzjoni tagħha mal-bank għall-faċilità finanzjarja datata 10 ta' Jannar, 2009 fejn il-parti li tirreferi għal *legal fees* u *court fees* hija fl-ammont ta' €50,000. Tgħid illi dan waħdu juri illi l-ammont ta' €50,000 misluf ma kienx intiż sabiex jitħallsu d-drittijet

pretiżi minn Dr Delia imma drittijiet u spejjeż legali oħra relatati mad-diversi proċeduri ġudizzjarji li kellha pendenti ma' terzi.

30. Issemmi mbagħad l-argument imressaq mill-bank konvenut illi bl-aġir tagħha wara l-1 ta' Ġunju, 2009 is-soċjetà attriċi "irratifikat" dak li kien seħħ dakinhar meta talbet il-ħruġ ta' *tax invoice*/riċevuta fiskali mingħand Aequitas Legal b'sostituzzjoni ta' oħra maħruġa minn Aequitas Management Ltd kif ukoll meta Boris Arcidiacono ffirma *sanction letter* maħruġa f'Lulju 2009 b'tiġdid tas-*sanction letter* preċedenti u li fuqha tniżżel illi kien hemm "unutilised balance of €20,142". Tgħid li ma jistax jitqies li tali firma kienet konferma tal-pagament tas-somma ta' €86,210 lill-imsejjaħ fil-kawża peress li dak l-ammont ma kienx jidher fuq dak id-dokument. Iżżid tgħid illi anke l-kunċett ta' ratifika fih innifsu huwa aċċettazzjoni da parti tal-bank konvenut illi għamel pagament mhux awtorizzat u li qed jipprova jsalva s-sitwazzjoni li insorġiet minn dan l-iżball tiegħu billi jgħid li s-soċjetà attriċi irratifikat u aċċettat dak l-iżball.

31. Tgħid illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li x-xhieda mogħtija mill-uffiċjali tal-bank konvenut u x-xhieda mogħtija mill-imsejjaħ fil-kawża huma kontradittorji.

32. Tisħaq għalhekk illi għandu jirriżulta lil din il-Qorti illi s-soċjetà attriċi qatt ma awtorizzat lill-bank konvenut iħallas mill-faċilità bankarja tagħha s-somma msemmija lill-imsejjaħ fil-kawża.

33. Il-kjamat in kawża Dr Delia jilqa' għat-tieni u tielet aggravji billi jagħmel referenza għal dak li ssuċċeda meta nħarġet fattura minn Aequitas Management Ltd għal €48,450 u l-bilanċ deher fuq fattura f'isem Aequitas Legal fejn Adrian Farrugia, għan-nom ta' Boris Arcidiacono Ltd bagħat lura dik it-*tax invoice* u talab sabiex tinħareġ oħra minn Aequitas Legal. Talba li ġiet milquha u nħarġet fattura u riċevuta fiskali minn Aequitas Legal għal dak l-ammont. Jgħid illi dak il-fatt juri li s-soċjetà attriċi kienet aċċettat li l-ammont reklamat kien kollu dovut. Dwar l-aggravju li jiskredita x-xhieda ta' Dr Ethelbert Fenech Adami, Dr Delia jgħid illi Boris Arcidiacono ma ċċaqlaqx mill-kamra fejn kien qed jinqara l-kuntratt min-Nutar Rita Sammut. Jgħid illi Dr Fenech Adami talab kif kellhom jinħarġu c-ċekks u li kien Dr Delia li nformah, fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono, li wieħed mic-ċekks pagabbli lilu kien fl-ammont ta' €86,210 u li fl-ebda ħin Boris Arcidiacono ma oġġezzjona għall-ħruġ ta' dak iċ-ċekk.

34. Dwar li Dr Ethelbert Fenech Adami xehed li kien ħareġ ħames ċekks u mhux sitt ċekks, l-appellat jgħid illi dan għandu jitqies fil-kuntest li x-xhud kien qed jixhed snin wara l-akkadut u li ma kienx qed jixhed bid-

dokumentazzjoni f'idejh. Dwar l-aggravju illi l-ammont imħallas lil Dr Delia ma kienx kopert bi ftehim bil-miktub jew b'fattura, l-appellat jissottometti li tali aggravju jmur lil hinn mill-mertu tal-kawża li jikkonċerna biss jekk il-bank ħallasx lil Dr Delia bil-moħbi tas-soċjetà attriċi kif qed tallega l-appellanti.

35. Jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex meta huwa u d-ditta legali tiegħu ġew sabiex jassistu lis-soċjetà attriċi fuq dawk il-ħames kuntratti kif ukoll fid-diskussjonijiet li waslu għalihom ir-*retainer agreement* ma kienx għadu viġenti u li kien għalhekk li huwa kien talab lil Boris Arcidiacono ammont għas-servizzi kollha relatati ma' dawk il-ħames kuntratti.

36. Dwar it-tielet aggravju jgħid illi dan huwa simili għat-tieni wieħed. Jenfasizza illi Boris Arcidiacono kien jaf biċ-ċekk li ingħata lill-imsejjaħ fil-kawża dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fl-1 ta' Ġunju, 2009 u kien kuntent. Jgħid illi bil-fatt li fl-10 ta' Awwissu, 2009 Adrian Farrugia għan-nom tas-soċjetà attriċi bagħat lura l-*invoice* oriġinali u l-irċevuta fiskali maħruġa minn Aequitas Management Ltd sabiex jiġu sostitwiti minn *invoice* u riċevuta maħruġa minn Aequitas Legal turi illi fil-fatt is-soċjetà attriċi kienet konsapevoli tal-ammont li tħallas għan-nom tagħha lill-imsejjaħ fil-kawża.

37. Jgħid illi bil-fatt li Boris Arcidiacono ma ġiex kontroeżaminat ma jfissirx li t-testimonjanza tiegħu ġiet aċċettata mill-kontro partijiet u dan għaliex ix-xhieda mressqa mill-bank konvenut u mill-imsejjaħ fil-kawża jwaqqgħu u jikkontradixxu x-xhieda ta' Boris Arcidiacono.

38. Dwar il-fatt li sal-1 ta' Ġunju, 2009 ma kienx inħareġ kont mill-imsejjaħ fil-kawża jew mid-ditta legali tiegħu, jgħid illi kont ma hux xi obbligu, b'differenza tal-irċevuta fiskali li nħarġet appena sar il-ħlas. Dwar is-sottomissjoni tal-appellanti illi s-*sanction letter* dwar is-self ta' €800,000 kienet tikkontempla s-somma ta' €50,000 għall-ħlasijiet ta' "legal fees", "court fees" u "stamp duty" u ma kenitx tikkontempla l-ħlas mitlub mill-imsejjaħ fil-kawża, jgħid illi Boris Arcidiacono stess xehed illi s-self ta' €800,000 kien talbu mhux biss sabiex iħallas id-debiti li kellu imma wkoll sabiex mill-bilanċ li jifdallu jkun jista' jaħdem bih. Jgħid illi l-ħlas lilu dovut mis-soċjetà attriċi għas-servizzi professjonali prestati jaqa' f'dik il-kategorija tant li anke wara l-ħlas tal-krediti kollha, inkluż l-ammont mertu tal-kawża, is-soċjetà attriċi kien baqagħlha f'idejha s-somma ta' 'l fuq minn €20,000.00.

39. Il-bank konvenut appellat min-naħa tiegħu jilqa' għal dawn l-aggravji billi jagħmel referenza għas-*sanction letter* tal-24 ta' Frar, 2009 li tispeċifika li l-bank kien qed jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi għall-faċilità bankarja sabiex tiffinanzja fost l-oħrajn "legal fees/court fees and stamp

duty", *liema sanction letter* ġiet aċċettata mis-soċjetà attriċi fis-6 ta' Mejju, 2009. Jisħaq illi l-pagament lil Dr Delia sar fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fl-1 ta' Ġunju 2009. Il-bank appellat jirreferi għall-fatt illi fl-1 ta' Lulju 2009 ġiet mġedda s-*sanction letter* li ġiet debitament aċċettata minn Boris Arcidiacono fit-13 ta' Awwissu 2009 fejn is-soċjetà attriċi aċċettat illi l-faċilitajiet bankarji li kellha mal-bank kienu jinkludu l-"Loan 07 Existing Eur 793,996 (Unutilised Balance Eur 20,142)", liema ammont kien jirrappreżenta t-total ta' ċekks maħruġa fuq il-kuntratt ta' self ippubblikat fl-1 ta' Ġunju, 2008 inkluż ic-ċekk bl-import ta' €86,210 pagabbli lil Dr Delia mertu tal-kawża odjerna. Jirreferi l-bank appellat għax-xhieda ta' Dr Ethelbert Fenech Adami fejn spjega illi meta staqsa kif ser jinħarġu ċ-ċekkijiet, l-ammonti ġew lilu indikati minn Dr Delia fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono. Jissottometti l-bank appellat illi minn tant xhieda imtella' mis-soċjetà attriċi, inkluż diversi impjegati tal-bank konvenut li ġew imsejħa mill-attriċi għal aktar minn darba, uħud tliet darbiet, ħadd minnhom ma kkorrobora l-verżjoni li ta Boris Arcidiacono.

40. Jissottometti wkoll illi kwalunkwe kwistjoni bejn is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża hi għaliha *res inter alios acta* li kellha tiġi indirizzata fi proċeduri bejniethom u mhux f'din il-kawża. Jgħid illi dak li hu rilevanti huwa li l-pagament lill-imsejjaħ fil-kawża sar fil-parametri tas-*sanction*

*letter* u li sar fil-preżenza u bil-kunsens ta' Boris Arcidiacono għan-nom tas-soċjetà attriċi.

41. Tagħlaq billi tgħid illi l-aqwa prova li l-pagament magħmul mill-bank konvenut lill-imsejjaħ fil-kawża sar bl-aċċettazzjoni u/jew ratifika tas-soċjetà attriċi huwa l-episodju meta s-soċjetà attriċi talbet lill-imsejjaħ fil-kawża sabiex jissostitwixxi waħda mit-*tax invoices* u waħda mill-irċevuti fiskali sabiex kollox ikun juri illi l-pagament sar lil Aequitas Legal u mhux in parti lil Aequitas Management Ltd.

**Ikkunsidrat;**

42. Essenzjalment permezz tat-tieni u t-tielet aggravju l-appellanti qed titlob lil din il-Qorti twarrab l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u minflok issib illi mhux minnu li l-ħlas ta' €86,210 mill-bank konvenut lill-kjamat in kawża sar fuq struzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tas-soċjetà attriċi.

43. Dwar it-tieni aggravju fejn *inter alia* l-appellanti tattakka s-sentenza appellata fejn fil-konsiderazzjonijiet l-Ewwel Qorti qieset (i) illi fl-1 ta' Ġunju 2009 Dr Delia kien ukoll qed jidher bħala Aequitas Management Limited; u (ii) illi r-*retainer agreement* bejn is-soċjetà attriċi u Aequitas Legal ma kienx ikopri s-servizzi rezi lis-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-

ħames kuntratti ffirmati fl-1 ta' Ġunju, 2009; qari tas-sentenza u b'mod partikolari l-parti dispożittiva tagħha juri illi dawk il-konsiderazzjonijiet la waslu għal xi dikjarazzjoni ġudizzjarja fil-parti dispożittiva tas-sentenza u lanqas kienu rilevanti għall-mertu tal-kawża. Huwa prinċipju aċċettat li appell jista' jitressaq mill-parti dispożittiva ta' sentenza u mhux mill-kunsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għaliha. (ara **Bank of Valleta p.l.c. v. John Borg et.** - Appell Superjuri - 30 ta' Novembru, 2022; **Jean Pierre Borġ v. Nicole Borg** - Appell Superjuri - 30 ta' Novembru, 2012; **Prof. Raymond Mangion v. Whitelock Publications Ltd et.** – Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2019; **Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service** – Appell Inferjuri – 15 ta' Diċembru, 2003).

44. Is-siwi jew le tal-osservazzjonijiet magħmulin mill-appellanti fit-tieni aggravju tagħha ma jolqtux dak li l-appellanti talbet f'din il-kawża u lanqas xi parti mid-dispożittiv tas-sentenza appellata. Dawk l-osservazzjonijiet jibqgħu impreġudikati u, jekk tqum il-ħtieġa, imisshom jitqajmu fis-sedi xierqa;

45. Hija ġurisprudenza l-aktar reċenti ta' din il-Qorti illi l-ġudikant fl-ewwel grad juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-atti jasal għall-konvinċiment tiegħu li jwassal għas-sentenza. Id-diskrezzjoni tal-ġudikant li jiddeċiedi l-kawża hi insindikabbli sakemm din tkun raġonevoli u motivata. Il-funzjoni tal-Qorti tat-tieni grad hija li tikkoreġi fejn tqis li jkun

sar żball mill-Qorti tal-ewwel grad (***Raymond Zammit et v. Paul Caruana et.*** Qorti tal-Appell - 3 ta' Ottubru 2024).

46. Il-punt ta' tluq huwa l-prinċipju li jinsab f'**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jipprovdi illi: "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega."Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hil**i, mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."

47. Il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (**Hans J. Link et v. Raymond Mercieca** - Appell Inferjuri - 12 ta' Jannar, 2001).

48. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn

kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (**Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil** - Appell Inferjuri - 7 ta' Mejju, 2010).

49. Ta' min isemmi wkoll dak ribadit fis-sentenza **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-12 ta' April 2007:

> "[...] in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-
>
> (1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;
>
> (2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);
>
> (3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni talpartijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi taddomanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi ddixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;
>
> (4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. [...]"

50. Meta rinfaċċjata b'verżjonijiet kunfliġġenti dwar kif seħħew il-fatti rilevanti l-Qorti għandha tfittex liema minn dawk il-verżjonijiet kunfliġġenti

hija l-aktar waħda sorretta minn provi attendibbli. Bħala linja ġenerali jmiss lill-konvenut l-oneru li jressaq il-provi in sostenn tal-fatti minnu allegati b'kuntrast mal-verżjoni tal-attur b'applikazzjoni tal-massima *reus in excipiendo fit actor*) (**Raymond Cutajar v. Slipform Engineering International Limited -** Qorti tal-Appell - 27 ta' Marzu 2020).

51. Jeħtieġ għalhekk naraw qabel xejn jekk l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevoli, motivat u sufrugat mill-provi in atti.

52. Din il-Qorti fliet sew l-atti u ssib illi sewwa rraġunat l-Ewwel Qorti illi dak li hu ta' massima rilevanza f'din il-kawża ma hux daqstant il-kwistjoni li jidher li kellhom bejniethom is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża dwar il-*quantum* tad-drittijiet professjonali dovuti lil dan tal-aħħar, daqskemm dak li effettivament seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009 meta fl-uffiċċju tal-bank konvenut ġie ppubblikat il-kuntratt ta' self tas-somma ta' tmin mitt elf ewro (€800,000) kif ukoll erba' kuntratti ta' tranżazzjoni ma' terzi. Boris Arcidiacono, bħala rappreżentant tas-soċjetà attriċi, mar għal dak l-inkontru bil-ħsieb li jiġu ffirmati dawk il-ħames kuntratti. Huwa ma marx waħdu, iżda mar akkumpanjat mill-konsulent legali tas-soċjetà attriċi, l-imsejjaħ fil-kawża Dr Adrian Delia.

53. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ssib mhux veritiera l-allegazzjoni ta' Boris Arcidiacono illi waqt dak l-inkontru huwa ma kienx preżenti meta fuq talba ta' Dr Ethelbert Fenech, Dr Delia indika lil Dr Fenech Adami għan-nom tal-bank l-ammonti li l-bank kellu joħroġ bħala ċekkijiet, inkluż dak f'isem Dr Delia rappreżentanti drittijiet professjonali. Xhieda oħra li kienu preżenti dakinhar xehdu li Boris Arcidiacono kien preżenti l-ħin kollu u li fl-ebda ħin ma ċċaqlaq mill-kamra fejn kienu. Meta Dr Ethelbert Fenech Adami, in rappreżentanza tal-bank konvenut, staqsa lil Boris Arcidiacono u lill-konsulent legali tiegħu Dr Delia kif kellhom jinħarġu ċ-ċekkijiet, Dr Delia, fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono, tah l-ammonti kif kellhom jinħarġu l-*bank drafts*, fosthom wieħed ta' €86,210.00 pagabbli lill-istess Dr Delia. Jekk Boris Arcidiacono ma kienx jaqbel li jsir dak il-pagament kulma kellu jagħmel kien li dak il-ħin stess joġġezzjona. Għażel li ma joġġezzjonax f'dak il-mument. X'għamel qabel dak l-inkontru mhux fil-preżenza ta' xi rappreżentant tal-bank konvenut ma għandu l-ebda rilevanza għal din il-kawża. Għalhekk l-aggravji tal-appellanti mressqa fit-tieni aggravju dwar konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fir-rigward tar-*retainer agreement* ma għandhomx rilevanza għall-fondatezza u *meno* tat-talbiet attriċi.

54. Dak li jħoll u jorbot f'din il-kawża hu jekk il-bank konvenut ingħatax struzzjonijiet mis-soċjetà attriċi sabiex mill-fondi appena mislufa lis-

soċjetà attriċi jħallas lill-imsejjaħ fil-kawża s-somma ta' €86,210 bħala drittijiet professjonali.

55. L-argument tas-soċjetà attriċi illi meta fil-jiem u ġimgħat qabel l-1 ta' Ġunju 2009 Boris Arcidiacono kien irrifjuta t-talba ta' Dr Delia u tad-ditta legali tiegħu sabiex għas-servizzi professjonali prestati u li kien għad iridu jiġu prestati in konnessjoni ma' dak li eventwalment seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2009 jitħallsu s-somma ta' ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000), ma hu tal-ebda rilevanza għall-mertu tal-kawża odjerna. Jekk ma kienx hemm qbil dwar l-ammont ta' drittijiet professjonali kulma kellha tagħmel is-soċjetà attriċi huwa li twaqqaf l-inkarigu mogħti lil Dr Delia u lid-ditta legali tiegħu.

56. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma temminx l-allegazzjoni ta' Boris Arcidiacono li ma kienx jaf dakinhar tal-kuntratt li l-bank qed jgħaddi lill-imsejjaħ fil-kawża *bank draft* bl-import ta' €86,210[6] bħala drittijiet professjonali dovuti mis-soċjetà attriċi. Fatt li jġib fix-xejn il-kredibilità ta' Boris Arcidiacono f'dan ir-rigward hija r-reazzjoni tiegħu *a tempo vergine* meta flok riċevuta fiskali waħda nħarġu tnejn, waħda minn Aequitas Legal u oħra minn Aequitas Management Ltd. Waħda minn Aequitas Legal għas-somma ta' €37,760.00 u oħra minn Aequitas Management Ltd għas-somma bilanċjali ta' €48,450.00. Huwa argument pjuttost pwerili

[6] Fol. 93

meta fir-rikors tal-appell jingħad illi kien l-*accountant* tal-kumpanija li kien kiteb għas-sostituzzjoni tat-*tax invoice* u tal-irċevuta fiskali u mhux Boris Arcidiacono. It-talba għal tali sostituzzjoni s-soċjetà attriċi għamlitha fl-10 ta' Awwissu 2009[7] u ffirma Adrian Farrugia għan-nom ta' Boris Arcidiacono Limited. Għalkemm Boris Arcidiacono xehed illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dik l-ittra u li ma kienx jaf li ser tintbagħat, din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha ma ssibx tali verżjoni kredibbli. Dik l-ittra intbagħtet u ġiet iffirmata minn ċertu Adrian Farrugia li ffirma bħala "Pp Boris Arcidiacono Ltd.". L-ittri "Pp" u cioè "per pro" ma jħallu l-ebda dubju li Farrugia kien qed jikteb għan-nom tas-soċjetà attriċi fuq *letterhead* tagħha. Huwa bil-wisq inverosimili illi dan Adrian Farrugia jiddeċiedi waħdu, mingħajr l-iċken konsultazzjoni ma' Boris Arcidiacono, illi *tax invoice* li nħarġet minn Aequitas Management Ltd għas-somma ta' <u>€48,450.00</u> tiġi ritornata sabiex tinħareġ oħra minn Aequitas Legal għall-istess ammont, mingħajr konsultazzjoni ma' Boris Arcidiacono. Is-soċjetà attriċi ma sejħitx lil Adrian Farrugia sabiex jixhed dwar dak li verament seħħ qabel iffirma l-ittra għan-nom tas-soċjetà attriċi. Dan ma kienx xi *lapsus.* Dan qed jingħad peress li mill-atti jirriżulta li s-soċjetà attriċi, sa mill-bidunett ta' din il-kawża, ma kellha l-ebda intenzjoni li ssejjaħ lil Adrian Farrugia bħala xhud; tant li lanqas biss niżlitu fil-lista tax-xhieda tagħha.

---

[7] Fol. 123

57. F'dan ix-xenarju din il-Qorti tqis li għandha mill-inkredibbli u mill-fieragħ l-asserzjoni ta' Boris Arcidiacono li fl-1 ta' Ġunju, 2009 ma kienx jaf li mis-self mogħti mill-bank konvenut lis-soċjetà attriċi kienet qed titħallas is-somma ta' €86,210 lill-imsejjaħ fil-kawża bħala drittijiet professjonali. L-ittra tas-soċjetà attriċi ftit ġimgħat wara sabiex *tax invoice* maħruġa minn Aequitas Management Ltd tiġi sostitwita b'oħra minn Aequitas Legal għall-istess ammont hija fil-fehma ta' din il-Qorti prova ċara li Boris Arcidiacono, għan-nom tas-soċjetà attriċi, kien jaf sew x'ħallas il-bank konvenut lill-imsejjaħ fil-kawża fl-1 ta' Ġunju 2009.

58. Fl-1 ta' Ġunju 2009, sew il-bank konvenut kif ukoll Boris Arcidiacono kienu konxji li Dr Delia kien preżenti bħala l-konsulent legali tas-soċjetà attriċi. Kif il-bank konvenut ġustament qies l-istruzzjonijiet ta' Dr Delia fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono dwar il-ħames ċekkijiet l-oħra pagabbli lil terzi bħala struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi; hekk ukoll ġustament qieset bħala istruzzjonijiet tas-soċjetà attriċi l-istruzzjonijiet ta' Dr Delia, fil-preżenza ta' Boris Arcidiacono, sabiex il-bank konvenut joħroġ ukoll cekk lilu pagabbli bħala drittijiet professjonali.

59. Rilevanti wkoll illi filwaqt li dan kollu seħħ bejn Ġunju u Awwissu 2009, jirriżuilta mill-atti illi l-ewwel ittra uffiċjali tas-soċjetà attriċi kontra l-bank konvenut bl-allegazzjonijiet eventwalment imressqa f'din il-kawża ġiet preżentata sena wara f'Awwissu 2010.

60. Dwar l-ilment tal-appellanti illi l-ewwel Qorti irriteniet li r-*retainer agreement* ma kienx ikopri s-servizzi reżi lis-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-kuntratti kollha fuq imsemmija, din il-Qorti ssib illi fil-verità x'kien il-ftehim ta' bejn il-partijiet dwar ir-retainer u jekk tali arranġament kienx għadu viġenti fl-1 ta' Ġunju 2009 huwa irrilevanti u lanqas kien parti mill-mertu tal-kawża odjerna. Mhux eskluż li jista' jkun rilevanti f'kawża eventwali bejn is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża fuq mertu divers minn dak odjern; iżda mhux fil-kawża odjerna.

61. Biex ikun ingħad kollox, huwa evidenti minn qari tas-sentenza appellata illi, għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li r-*retainer agreement* ma kienx ikopri s-servizzi professjonali reżi mill-imsejjaħ fil-kawża lis-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-kuntratti fuq imsemmija; huwa daqstant ieħor minnu illi dik il-konsiderazzjoni ma kenitx ir-raġuni għaliex l-ewwel Qorti ddeċidiet bil-mod kif iddeċidiet.

62. **Issib għalhekk it-tieni u t-tielet aggravji bħala totalment infondati u qed tiċħadhom.**

63. Permezz tar-raba' aggravju s-soċjetà appellanti tgħid illi kieku l-Ewwel Qorti għamlet analiżi tajba u oġġettiva tal-fatti u tal-liġi kienet tasal għall-konklużjoni illi l-pagament mertu tal-kawża odjerna ma kienx dovut

lill-imsejjaħ fil-kawża għaliex kellu jirriżulta illi bejn is-soċjetà appellanti u Dr Delia ma kienx hemm ftehim jew qbil dwar it-talba verbali għall-ħlas tal-ammont ta' Lm50,000.00.

64. Għall-istess konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti aktar qabel, kwalunkwe disputa li hemm jew kien hemm bejn is-soċjetà attriċi u l-avukat tagħha qatt ma nġab għall-attenzjoni tal-bank konvenut la qabel u lanqas fil-jum tal-1 ta' Ġunju, 2009. Is-soċjetà attriċi mexxiet din il-kawża fuq il-pretest illi hija qatt ma awtorizzat lill-bank konvenut iħallas lill-avukat tagħha. Din il-Qorti ġia ddeċidiet aktar qabel dwar tali pretensjoni u kkonkludiet li l-bank konvenut ħallas lill-imsejjaħ fil-kawża fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi.

65. Kwalunkwe disputa bejn is-soċjetà attriċi u l-imsejjaħ fil-kawża dwar dan l-ammont għandha tiġi trattata fi proċeduri appożiti bejniethom b'mertu divers minn dak odjern.Tajjeb jiġi mfakkar illi ma kenitx is-soċjetà attriċi li pproċediet kontra Dr Delia imma kien il-bank konvenut li talab is-sejħa fil-kawża ta' Dr Delia. Talba li saħansitra kienet opposta mis-soċjetà attriċi.

66. Filwaqt li din il-Qorti ser tiċħad dan ir-raba' aggravju, tħalli impreġudikat il-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża.

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant**, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjetà attriċi billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Jibqgħu** impreġudikati l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjetà attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss